MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 394/2011

Design House Limited
vs
Antonella Vassallo

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

I. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta fis-somma kumplessiva ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u seba' u tletin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€21,237.85), rapprezentanti l-valur ta' diversi xogholijiet u servizzi rezi, u ta' diversi prodotti mibjughin u kkonsenjati, mis-socjeta` attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess konvenuta.

II. Illi ghalkemm il-konvenuta rrikonoxxiet id-debitu taghha mas-socjeta` attrici, fl-ammont ta' €21,237.85,

skond ftehim ta’ nhar l-14 ta’ Marzu 2009 (Dok A), li permezz tieghu l-istess konvenuta sahansitra wieghdet illi kienet ser thallas dan id-debitu f’pagamenti mensili ta’ tlett elef hames mija u disa’ u tletin Ewro (€3,539.00) bejn l-10 ta’ April 2009 u l-10 ta’ Ottubru 2009, l-istess konvenuta xorta wahda naqset milli thallas l-ammont kif pattwit jew xi pagament akkont;

III. Illi ghalkemm il-konvenuta giet interpellata, permezz ta’ ittra legali tat-22 ta’ Lulju 2009 (Dok B), sabiex thallas l-istess imsemmi ammont ta’ €21,237.85, hija xorta wahda baqghet inadempjenti;

IV. Illi ghalkemm il-konvenuta giet interpellata ulterjorment permezz ta’ ittra ufficjali, maghmula a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta], ossija ittra ufficjali numru 21/2011 tat-18 ta’ Frar, 2011 (Dok C), sabiex tersaq ghall-hlas tal-imsemmi ammont ta’ €21,237.85, l-istess konvenuta baqghet inadempjenti u sahansitra pprezentat nota fl-atti tal-istess imsemmija ittra ufficjali li permezz taghha hija kkontestat it-talba hemm dedotta fuq il-pretest bla bazi u minghajr ebda spjegazzjoni li kienet “infondata fil-fatt u fid-dritt” (Dok D);

V. Illi fil-fehma tas-socjeta` attrici, jezistu r-rekwiziti kollha naxxenti minn Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta] sabiex dan ir-rikors guramentat jigi deciz bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dan billi l-hlas tas-somma ta’ €21,237.85, dovuta mill-konvenuta lis-socjeta` attrici, tikkwalifika bhala dejn illi huwa cert, likwidu, u li ghalaq, u li ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta’ fatt, u billi inoltre, sa fejn huwa maghruf mis-socjeta` attrici, il-konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmija somma ta’ €21,237.85;

VI. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

I. Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

II. Tiddikjara li l-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf, mitejn u seba’ u tletin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€21,237,85), rapprezentanti l-valur ta’ diversi xogholijiet u servizzi rezi, u ta’ diversi prodotti mibjughin u kkonsenjati, mis-socjeta` attrici fuq inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess konvenuta.

III. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta’ wiehed u ghoxrin elf, mitejn u seba’ u tletin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€21,237,85).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-22 ta’ Lulju 2009, tal-ittra ufficjali numru 21/2011 tat-18 ta’ Frar 2011 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 235/2011 tat-18 ta’ Frar 2011, u bl-imghax, dekorribbli mill-14 ta’ Marzu 2009 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat in-nota ta’ l-intimata Antonella Vassallo:
“Li biha tammetti t-talba tas-socjeta` rikorrenti Design House Limited (C 21995) kif dedotta kontriha.”

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta’ l-intimata, il-Qorti filwaqt li qed tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12,

tiddikjara li l-ammont ta’ €21,237,85, rapprezentanti l-valur ta’ diversi xogholijiet u servizzi rezi, u ta’ diversi prodotti mibjughin u konsenjati, mis-socjeta` rikorrenti fuq inkarigu u ghall-beneficcju ta’ l-istess intimata.

Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-imsemmija somma ta’ €21,237,85.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-22 ta’ Lulju 2009, ta’ l-Ittra Ufficjali numru 21/2011 tat-18 ta’ Frar 2011 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju numru 235/2011 tat-18 ta’ Frar 2011, u bl-imghax, dekorribbli mill-14 ta’ Marzu 2009 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------